MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 308/2014

**Associated Supplies Limited (C2891)**

**vs**

**Joseph Mizzi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Antoinette Mizzi li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Tordna minnufih li l-precitat mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1320/2012 fl-ismijiet premessi ma jibqax ikollu effett fuq is-sehem ta’ nofs l-intier appartenenti lill-esponenti tal-flejjes depozitati fil-precitati “joint term deposit accounts” u li anke s-sehem ta’ nofs tal-intier tal-imghaxijiet li r-rikorrenti konjugi Mizzi qed jippercepixxu (cioe’ n-nofs appartenenti lir-rikorrenti Antoinette Mizzi) jigu rilaxxjati minnufih mill-effetti tal-precitat mandat ta’ sekwestru sakemm ikun ghandu in vigore dan l-istess mandat ta’ sekwestru numru 1320/12 (Dok. “M” hawn anness);

Bl-ispejjez u b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta’ Associated Supplies Limited li in forza taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra, ssottomettiet li t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti Antoinette Mizzi hija mart Joseph Mizzi. Is-socjetà intimata odjerna, Associated Supplies, sabiex tikkawtela jeddijiet pretizi taghha fil-konfront ta’ Joseph Mizzi, talbet u ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kontra l-istess Joseph Mizzi. In segwitu ghal dan il-mandat, Lombard

Bank qieghed jinsisti li jzomm iffrizati depoziti "*joint*" appartenenti lill-konjugi Mizzi flimkien, dan bl-imghaxijiet b'kollox.

Ikkunsidrat illi dak li effettivament qeghda tikkontesta r-rikorrenti Antoinette Mizzi m'huwiex il-mandat per se izda l-mod kif dan qieghed jigi esegwit mis-sekwestratarju. Antoinette Mizzi m'hijiex qeghda topponi l-ezistenza tal-mandat li, wara kollox, m'huwiex mahrug fil-konfront taghha. Huwa mandat mahrug fil-konfront ta' zewgha u huwa ntiz biex jikkawtela l-pretensjonijiet ta' Associated Supplies, li sa llum, gew dedotti kontra zewgha biss.

Ghaldaqstant, bhala terza persuna li qeghda tigi milquta bil-mandat fi hwejjigha hija ma tistax iddur fuq il-kreditur li, wara kollox qieghed jagixxi regolarment bid-drittijiet u kawtela kollha li taghtih il-ligi, u dan ghaliex huwa l-Bank sekwestratarju li qieghed jiehu l-azzjoni li minnha qeghda tilmenta r-rikorrenti. Galadarba l-mandat *de quo* m'huwiex dirett lejha izda biss lejn zewgha, l-protesti taghha ghandhom ikunu diretti lejn il-Bank li, skond ma ssostni, qieghed izomm flejjes li hija tinsisti huma taghha.

Associated Supplies ssostni li galadarba l-kreditu taghha, jekk pruvat, jigi meqjus bhala kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Mizzi, il-Bank qieghed jagixxi korrettement meta jzomm il-fondi taghhom flimkien. Din il-Qorti ma tqisx is-siwi ta' dan l-argument. Associated Supplies ghazlet li titlob il-hrug ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' Joseph Mizzi wahdu. Ma tistax issa tippretendi li dan ghandu jolqot ukoll hwejjeg martu. Jekk jidhrilha li d-dejn *de quo* huwa dejn tal-komunjoni, hija ghandha tiehu dawk il-

mizuri li jidhrilha opportuni sabiex tikkawtela l-kreditu taghha fil-konfront tal-komunjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ Antoinette Mizzi b’rizerva ta’ kull dritt spettanti lilha fil-konfront ta’ terzi estranji ghal dawn il-proceduri.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu minn Antoinette Mizzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------